**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 571/16AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis- sebgha (7) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), fil-Knisja ta' Paceville, Malta, minn liema zwieg twieldu tlett itfal, J M, N W u M T`. It-tfal lkoll huma maggiorenni; Certifikat taz-zwieg hawn Ass u mmarkat bhala Dok. AP1.

2. Illi l-partijiet mhumiex legalment separati, izda ilhom separati mill-24 ta' Gunju, 2007. *Inoltre*` fit-teltin (30) t'Awwissu, 2005, il-partijiet kienu iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni liema kuntratt huwa in Atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja u liema kuntratt gie insinwat bin-numru ta' riferenza 17206/2005, hekk kif jirrizutla mill-kopja legali tal-istess kuntratt.- vide Dok. AP.2 Ass.

3. Illi b'hekk il-kommunjoni tal-akkwsiti ilu terminat u xjolt mit-30 ta' Settembru, 2005;

4. Illi l-ebda manteniment m'hu dovut, u dan peress li ilhom jghixu ghal rashom u kompletament indipendentement minn xulxin ghal diversi snin, u f'dan is-sens kienu anki ffirmaw skrittura privata f'dan is-sens fejn iddikjaraw li huma ekonomikament indipendenti minn xulxin – vide Dok AP.3 Ass

5. Illi l-esponenti tiddikjara li l-Avukat taghha ddiskutiet maghha dak kollu kontemplat *ai termini* tal-Artikolu 66G 1(a) u (b) ta-Kap 16. Tal-Ligijiet ta' Malta, fejn gie spjegat lilha dwar jekk hemm possibilita` ta' rikoncilijazzjoni, u li fil-fatt m'hemmx, u dana stante li ilhom iktar minn disa' snin *de facto* separati u jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin. *Di pui*` l-esponenti tirrileva ukoll li l-Avukat taghha spejagatilha l-aternattiva ta' separazzjoni personali, izda tikkonferma li hija tixtieq tipprocedi b'dawn il-proceduri ta' Divorzju. Ghal dan il-ghan qed tigi ezebita n-Nota kontemplata fl-Artikolu 66G (2) (a) tal-Kap 16. Tal-Ligijiet ta' Malta – mmarkat bhala Dok. AP.4

6. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikorrenti ghar-rikoncilijazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` L;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi filwaqt li jsir riferenza ghal dak kontemplat fl-Artikolu 66 I tal-Kap. 16, liema artikolu qed isir referenza ghaliha peress li l-partijiet mhumhiex legalment separati jew b'kuntratt jew sentenza, l-esponenti hija tal-umli fehma li xejn minn dan ma jehtieg ghar-ragunijiet suesposti u b'referenza partikolari ghall-fatt li huma diga` ghandhom ir-regim ta' separazzjoni tal-beni u dan b'effett minn Awwissu,2005 filwaqt li t-tfal kollha huma maggiorenni, u lanqas m'hemm kwistjonijiet ta' manteniment;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza r-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` L;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Jannar, 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti fit-30 ta' Settembru 2005 u ilhom de facto separati mill-24 ta' Gunju 2007;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti fuq talba taghha stess li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' L u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.